III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-11 ta' Marzu 2016**

**dwar (a) proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli komuni dwar it-titolizzazzjoni u li joħloq qafas Ewropew għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata u (b) proposta għal regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment**

**(CON/2016/11)**

(2016/C 219/03)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fid-9 ta' Diċembru 2015 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) rċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar (a) proposta [1] għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar it-titolizzazzjoni u li joħloq qafas Ewropew għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (iktar 'il quddiem ir-"regolament tat-titolizzazzjoni propost"); u (b) proposta [2] għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (iktar 'il quddiem l-"emenda CRR proposta") (flimkien iktar 'il quddiem ir-"regolamenti proposti") [3].

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress illi r-regolamenti proposti fihom dispożizzjonijiet li jaffettwaw: (a) il-kompitu bażiku tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) li tiddefinixxi u timplimenta l-politika monetarja tal-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat; (b) il-kompitu tas-SEBĊ li tikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel ta' politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, bis-saħħa tal-Artikolu 127(5) tat-Trattat; u (c) il-kompiti mogħtija lill-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar il-politiki fuq is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. F'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

**1. Għanijiet tar-regolamenti proposti**

1.1 Il-BĊE jilqa' l-għanijiet tar-regolamenti proposti għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u l-ħelsien tal-kapital għal self sod lill-ekonomija reali. L-iżvilupp ta' sett komuni ta' regoli sostantivi fi ħdan il-qafas regolatorju tal-Unjoni għat-titolizzazzjonijiet kollha huwa pass sinjifikanti lejn armonizzazzjoni u konsistenza regolatorja. Il-BĊE jappoġġa wkoll l-istabbiliment ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' subsett ta' titolizzazzjonijiet li jistgħu jiġu kklassifikati bħala sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) u jilqa' l-emenda CCR proposta għall-aġġustament tal-allokazzjonijiet tal-kapital sabiex jiġi pprovdut trattament iktar sensittiv għar-riskju għat-titolizzazzjonijiet STS.

1.2 Il-BĊE jikkunsidra li r-regolamenti proposti joħolqu l-bilanċ ġust bejn il-bżonn biex jitqajjem is-suq tat-titolizzazzjoni Ewropew billi l-qafas tat-titolizzazzjoni isir iktar attraenti kemm għall-emittenti kif ukoll għall-investituri, u l-bżonn għaż-żamma tan-natura prudenzjali tal-qafas regolatorju. Il-BĊE jinnota li titolizzazzjonijiet Ewropej li għandhom karatterisitiċi bejn wieħed u ieħor simili għal dawk tat-titolizzazzjonijiet STS proposti sofrew minn

[1] COM(2015) 472 finali.

[2] COM(2015) 473 finali.

[3] Il-BĊE adotta l-opinjoni tiegħu fuq il-bażi tar-regolamenti proposti (kif proposti mill-Kummissjoni) mibgħuta għall-konsultazzjoni, imma ħa inkunsiderazzjoni wkoll l-emendi ssuġġeriti fit-testi ta' kompromess tal-Kunsill, skont il-każ, (2015/0226 (COD), 14537/15 dwar ir-regolament tat-titolizzazzjoni propost u 2015/0225 (COD), 14536/15 dwar l-emenda CRR proposta).

livelli baxxi ta' telf matul il-kriżi finanzjarja ([1]). Għaldaqstant, huwa xieraq għall-qafas regolatorju li ssir distinzjoni bejniethom u titolizzazzjonijiet iktar kumplessi, opaki u mfasslin apposta. Fil-fehma tal-BĊE, inġenerali, il-kriterji STS proposti huma fil-biċċa l-kbira xierqa u l-allokazzjonijiet ta' kapital regolatorju iktar baxxi applikati fil-konfront tagħhom huma proporzjonati għall-profil ta' riskju iktar baxx paragunabbli tagħhom. Il-BĊE jenfasizza madankollu li l-appoġġ tiegħu għat-trattament kapitali tat-titolizzazzjonijiet STS propost jistrieħ fuq l-eżistenza ta' kriterji STS robusti, proċedura ta' attestazzjoni xierqa u superviżjoni rigoruża. Għaldaqstant, ir-regolamenti proposti għandhom, fil-fehma tal-BĊE, jittejbu u jiġu ssimplifikati iktar, kif jidher iktar 'l isfel u fl-anness tekniku anness mehmuż.

## 2. Ir-rwol tal-BĊE fis-suq tat-titolizzazzjoni – politika monetarja u kunsiderazzjonijiet makroprudenzjali

2.1 Il-BĊE għandu interess qawwi fil-qawmien sostenibbli tas-suq ta' titolizzazzjoni Ewropew. Bħala forma ta' finanzjament ibbażat fuq assi bil-kapaċità kemm li jiġu inkanalati flussi ta' kreditu lill-ekonomija reali u t-trasferiment ta' riskju, it-titolizzazzjoni għandha sinjifikat partikolari għall-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Suq Ewropew tat-titolizzazzjoni b'saħħtu huwa indikattiv ta' suq tal-kapital funzjonanti fl-Unjoni. B'mod partikolari fejn il-kapaċità ta' self lill-ekonomija reali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu hija ristretta u t-tkabbir ekonomiku jibqa' dgħajjef, it-titolizzazzjoni tista' taġixxi bħala sors ġdid ta' finanzjament u tillibera l-kapital għas-self. Inċertezza dwar iż-żmien tal-adozzjoni tar-regolamenti proposti għandha b'hekk tiġi evitata sabiex tiġi pprovduta ċ-ċarezza u l-istabbiltà meħtieġa lill-parteċipanti fis-suq tat-titolizzazzjonijiet biex jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli tas-suq.

2.2 Il-BĊE għandu esperjenza sinjifikanti fil-qasam tat-titolizzazzjoni permezz tal-operazzjonijiet tal- politika monetarja tal-Eurosistema. Minn naħa, huwa jaċċetta titoli garantiti permezz tal-assi (ABS) li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà bħala kollateral għat-tranżazzjonijiet temporanji li jipprovdu likwidità tal-Eurosistema u, min-naħa l-oħra, jixtri ABS, bħala parti mill-programm estiż ta' xiri ta' assi tal-Eurosistema ([2]). Dan jinforma l-fehma tal-BĊE dwar ir-regolamenti proposti, partikolarment fir-rigward tat-trasparenza, id-diliġenza dovuta, it-talba tal-investituri u l-funzjonament tas-suq. Minkejja dan, il-BĊE jinnota illi r-regolamenti proposti huma indipendenti mill-qafas kollaterali tal-Eurosistema u l-programm ta' xiri ta' ABS (ABSPP) billi dawn huma strumenti tal-politika monetarja li jaqgħu taħt il- kompetenza esklussiva tal-Eurosistema.

2.3 Fl-aħħar nett, wara li jiġu kkunsidrati l-politika monetarja u l-kompiti makroprudenzjali tal-BĊE, il-BĊE pparteċipa wkoll b'mod attiv fid-dibattitu pubbliku fuq inizjattivi regolatorji dwar it-titolizzazzjoni li matulu enfasizza l-benefiċċji ta' swieq ta' titolizzazzjoni serji ([3]), irrakkomanda trattament tal-kapital iddifferenzjat tat-titolizzazzjonijiet u appoġġa qafas tal-Unjoni prudenti għal-titolizzazzjonijiet STS ([4]). Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-BĊE dwar ir-regolamenti proposti, kif spjegat iktar 'l isfel u fl-anness tekniku mehmuż, jirriflettu dawk il-pożizzjonijiet.

## 3. Kjarifikazzjoni tal-kompetenzi superviżorji tal-BĊE fir-rigward tat-titolizzazzjoni

3.1 Minkejja l-attivitajiet ta' politika monetarja tal-BĊE fis-suq tat-titolizzazzjoni, ir-rwol tiegħu taħt ir-reġim ġdid tat-titolizzazzjoni fil-kapaċità tiegħu ta' superviżur għandu jiġi vvalutat indipendentement. B'mod partikolari, l-Artikolu 127(6) tat-Trattat jippermetti biss l-għoti ta' kompiti lill-BĊE f'oqsma tal-politika dwar is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Għaldaqstant, l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([5]) jagħti lill-BĊE, għall-finijiet superviżorji prudenzjali, il-kompitu li jiżgura l-konformità minn istituzzjoni ta' kreditu importanti mad-dritt rilevanti tal-Unjoni Ewropea li jimponi rekwiżiti prudenzjali fil-qasam tat-titolizzazzjoni. L-Artikolu 15 tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost jindika lill-BĊE bħala l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-konformità minn istituzzjonijiet ta' kreditu importanti mal-obbligi tad-diliġenza dovuta, rekwiżiti taż-żamma tar-riskju, rekwiżiti ta' trasparenza u l-kriterji STS. Fid-dawl ta' dan, il-BĊE huwa mħasseb li l-Artikolu 15 tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost jagħti lill-BĊE wkoll kompiti superviżorji li mhumiex primarjament prudenzjali fin-natura, imma pjuttost jirrigwardaw swieq tal-prodotti jew protezzjoni tal-investitur.

([1]) *L-impatt tas-CRR u s-CRD IV fuq il-finanzjament bankarju, ir-rispons tal-Eurosistema għad-dokument konsultattiv DG FISMA*, 10 ta' Diċembru 2015.

([2]) Deċiżjoni (UE) 2015/5 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri ta' titoli ggarantiti minn assi (BĊE/2014/45) (ĠU L 1, 6.1.2015, p. 4). Xiri taħt il-programm ta' xiri ABS beda f'Novembru 2014.

([3]) *Is-suq imħassar tat-titolizzazzjoni tal-UE: kawżi, ostakoli u kif jiġu ttrattati,* 11 ta' April 2014, u *Il-każ għal funzjonament aħjar tas-suq tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea – Dokument għad-diskuzzjoni, 29 ta' Mejju 2014, il-BĊE u l-Bank of England.*

([4]) *Risposta konġunta mill-Bank of England u l-Bank Ċentrali Ewropew għad-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: "Qafas tal-UE għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata", 27 ta' Marzu 2015.*

([5]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

3.2 Il-BĊE jaqbel li għandu jkun kompetenti biex jiżgura l-konformità minn istituzzjoni ta' kreditu importanti mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta, inkluża verifika minn istituzzjonijiet ta' kreditu importanti li jaġixxu bħala investituri fit-titolizzazzjonijiet li obbligi dwar iż-żamma tar-riskju jitħarsu mill-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali (Artikolu 3 tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost), kif ukoll konformità mar-regoli tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) [ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRR)] dwar trasferimenti ta' riskju sinifikanti (significant risk transfers – SRTs) u għoti ta' piżijiet ta' riskju lil diversi klassijiet ta' prodotti tat-titolizzazzjoni billi dawn il-kompiti huma b'mod ċar prudenzjali. F'dan ir-rigward, il-BĊE jaqbel ukoll li s-superviżjoni tal-konformità mal-kriterji għall-għoti ta' kreditu kif introdott mit-test ta' kompromess tal-Kunsill ([2]) taqa' wkoll fil-kompiti prudenzjali li qed jingħataw lill-BĊE skont l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

3.3 Min-naħa l-oħra, l-Artikoli 6 sa 14 tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost, li fih il-kriterji STS u jipprovdu għall-proċess biex tiġi żgurata l-konformità STS, jirrigwardaw is-superviżjoni tas-swieq ta' titolizzazzjoni. Il-BĊE jikkunsidra li dan il-kompitu jaqa' b'mod ċar barra mill-kompiti li jirrigwardaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjoni ta' kreditu. Il-BĊE jilqa' l-emendi li għamel it-test ta' kompromess tal-Kunsill ([3]) li jippermetti lill-Istati Membri li jindikaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità ta' oriġinatur, sponsor jew entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPE) mal-kriterji STS, minflok ma dan il-kompitu jingħata direttament lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni settorjali rilevanti.

3.4 Għalkemm hemm argumenti favur il-karatterizzazzjoni ta' dawn ir-regoli bħala prudenzjali, li tiġi żgurata konformità ta' istituzzjonijiet ta' kreditu importanti li jaġixxu bħala oriġinaturi, sponsors jew mutwanti oriġinali bir-regoli ta' ritensjoni tar-riskju (Artikolu 4) u r-rekwiżiti ta' trasparenza (Artikolu 5) għandha titqies bħala primarjament relatata mas-superviżjoni tas-swieq tal-prodotti, billi dawn ir-regoli jiżguraw l-allinjament ta' interessi bejn l-oriġinaturi, l-isponsors jew il-mutwanti u l-investituri oriġinali u tippermetti lill-investituri li jifhmu, jivvalutaw u jipparagunaw tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Għalhekk il-BĊE jikkunsidra wkoll li dawn il-kompiti ma jistgħux jingħatawlu. Il-BĊE jinnota li t-test ta' kompromess tal-Kunsill ([4]) jassenja wkoll il-kompitu li tiġi żgurata l-konformità mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jaġixxu bħala sponsors, oriġinaturi jew SSPEs mar-regoli taż-żamma tar-riskju u r-rekwiżiti tat-trasparenza lill-awtoritajiet nominati bis-saħħa tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Il-BĊE jilqa' l-fatt li t-test ta' kompromess tal-Kunsill ma jagħmilx referenza diretta għall-BĊE u jinnota li ma jikkunsidrax li dawn il-kompiti jkunu ttrasferiti lill-BĊE bl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

3.5 Għaldaqstant, l-Artikolu 15 tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost għandu jiġi emendat biex jiġi żgurat li l-kompetenzi tal-BĊE skont ir-regolament tat-titolizzazzjoni propost jirrifletti l-kompiti li jagħtuh ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

## OSSERVAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

### PARTI I: IR-REGOLAMENT TAT-TITOLIZZAZZJONI PROPOST

### 4. Dispożizzjonijiet applikabbli għat-titolizzjonijiet kollha

4.1 Il-BĊE jilqa' l-konsolidazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji eżistenti mir-regolament tat-titolizzazzjoni propost f'sett komuni ta' regoli għat-titolizzazzjonijiet kollha, billi dan jissimplifika b'mod sinjifikanti l-qafas regolatorju u jnaqqas l-inkonsistenzi u d-duplikazzjoni. Madankollu, sa fejn il-konsolidazzjoni tkun fil-mira, għandha tkun komprensiva. Bħat-test ta' kompromess tal-Kunsill ([6]), il-BĊE għalhekk jirrakkomanda t-tħassir tal-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) imma wkoll wara l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju previst fl-Artikolu 28(6) tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost, tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/3 ([8]) sabiex tiġi evitata duplikazzjoni li mhijiex meħtieġa ta' obbligi ta' trasparenza u ta' żvelar stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost.

---

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) L-Artikolu 5a tat-test ta' kompromess tal-Kunsill (2015/0226 (COD), 14537/15). Fit-taqsimiet li ġejjin it-test ta' kompromess tal-Kunsill huwa diskuss biss f'każijiet meta jkun differenti b'mod sinjifikanti mir-regolamenti proposti (kif propost mill-Kummissjoni).

([3]) L-Artikolu 15 tat-test ta' kompromess tal-Kunsill (2015/0226 (COD), 14537/15).

([4]) *Ibid.*

([5]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

([6]) L-Artikolu 25(5) tat-test ta' kompromess tal-Kunsill (2015/0226 (COD), 14537/15).

([7]) Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

([8]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/3 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal rekwiżiti ta' fondi proprji għal istituzzjonijiet (ĠU L 2, 6.1.2015, p. 57).

4.2 Il-BĊE jilqa' l-approċċ tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost għar-rekwiżiti ta' trasparenza. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' trasparenza jeħtieġu li jiġu bbilanċati mal-kunfidenzjalità ta' tranżazzjonijiet privati u bilaterali. L-Artikolu 5 jeħtieġ l-iżvelar tad-dejta lil investituri eżistenti biss. Il-prospetti jew ekwivalenti li joffru dokumenti, dejta tal-livell ta' self u dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni oħra għandhom jiġu żvelati lill-investituri prospettivi ukoll. Madankollu, din id-dejta għandha tiġi żvelata pubblikament biss fil-każ ta' tranżazzjonijiet pubbliċi u f'każijiet oħra tiġi żvelata biss lil investituri prospettivi li lilhom tiġi kkummerċjalizzata t-tranżazzjoni. Fl-istess ħin, il-BĊE jirrakkomanda l-eżenzjoni ta' ċerti titolizzazzjonijiet minn piżijiet ta' żvelar li mhumiex meħtieġa, bħal tranżazzjonijiet intragrupp jew fejn hemm biss investitur wieħed ([1]).

4.3 Il-BĊE jirrakkomanda wkoll li dejta ta' livell ta' self huwa meħtieġ espressament fl-Artikolu 5(1)(a), inkluża dik għal programmi ta' karti kummerċjali ggarantiti b'assi (ABCP) li ma humiex appoġġati għal kollox jew fejn il-maturitajiet tal-assi sottostanti jaqbżu s-sena, redatti fejn dan huwa meħtieġ għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità għall-klijenti korporattivi tal-isponsors ([2]).

## 5. **Kriterji għat-titolizzazzjonijiet STS**

5.1 Is-suċċess tal-qafas STS se jiddependi sostanzjalment fuq kemm se jintuża mill-parteċipanti tas-suq. Għalhekk, huwa importanti li l-kriterji u l-applikazzjoni tagħhom ma jkunux kumplessi żżejjed, biex jiġi żgurat fost l-oħrajn li l-investituri ma jiġux imtellfa fil-qadi tal-obbligi estensivi tagħhom ta' diliġenza dovuta. L-oneru biex tiġi żgurata u nnotifikata l-konformità mal-kriterji STS qiegħed fuq il-partijiet li qed jagħmlu t-titolizzazzjonijiet. Għaldaqstant, iċ-ċarezza tal-kriterji STS hija fundamentali għad-deċiżjoni mill-oriġinaturi u l-isponsors għall-applikazzjoni tal-qafas STS u jesponu ruħhom għar-reġim ta' sanzjonijiet għaliex ma ssodisfawx il-kriterji. Il-BĊE jikkunsidra li l-parti l-kbira tal-kriterji huma ċari biżżejjed. Madankollu, ħafna minnhom għandhom jiġu speċifikati ulterjorment biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-effiċjenza għal dawk li jinterpretawhom u japplikawhom ([3]). Għalhekk il-BĊE jirrakkomanda li l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) tingħata mandat biex tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tal-Impjieg (EIOPA) standards tekniċi regolatorji fuq kriterji STS fejn hemm bżonn ta' iktar kjarifikazzjoni ([4]). Fil-waqt li dan jestendi ż-żmien għall-implimentazzjoni sħiħa tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost, dan jiġi kkumpensat bil-benefiċċji ta' piżijiet eħfef u ċertezza legali ikbar għall-partijiet kollha involuti.

5.2 Kwalità soda tal-assi hija fundamentali għall-qafas STS u tirfed l-allokazzjoni kapitali għat-titolizzazzjonijiet STS. Għalhekk, self produttiv ristrutturat iktar minn tliet snin qabel l-inklużjoni f'titolizzazzjoni STS jista' jiġi permess. Madankollu, kull mitigazzjoni lil hinn minn dan il-limitu, bħal dak li hemm fit-test ta' kompromess tal-Kunsill ([5]), tkun teħtieġ rikalibrazzjoni ta' allokazzjonijiet ta' kapital previsti fil-proposta kurrenti, biex tinżamm in-natura prudenzjali tal-qafas STS.

5.3 Programmi ABCP għandhom il-potenzjal li jsostnu l-finanzjament tal-ekonomija reali. Madankollu, trattament kapitali regolatorju preferenzjali għandu jkun ristrett għal programmi ABCP mingħajr diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi sottostanti u l-passiv tal-karti tal-kummerċ. Għaldaqstant, il-BĊE jirrakkomanda limitu massimu ta' maturità reżidwa ta' sena, pjuttost milli ta' tliet snin, jew kif hemm propost fit-test ta' kompromess tal-Kunsill, sa sitt snin ([6]), għal assi sottostanti ta' programmi STS ABCP, li magħhom programmi ABCP eżistenti jistgħu jikkonformaw jew jadattaw għalih, peress li madwar nofs l-assi li huma sottostanti l-programmi ABCP Ewropej eżistenti huma stmati li għandhom maturità reżidwa ta' inqas minn sena u jikkonsistu l-iktar f'ammonti riċevibbli tal-kummerċ. Minn perspettiva prudenzjali, diskrepanzi tal-maturità jesponu lill-investituri, fil-każ ta' inadempjenza tal-isponsor, għal riskju ta' estensjoni u telf potenzjali, u pressjonijiet fuq il-likwidità jekk mhux ukoll telf jekk l-investituri ma jibqgħux jirrifinanzjaw titoli fuq żmien qasir fi żminijiet ta' tfixkil tas-suq. Fl-aħħar nett, limitu massimu ta' maturità laxk jista' jagħti lok għal opportunitajiet ta' arbitraġġ regolatorju mhux mixtieq bejn titolizzazzjonijiet STS tradizzjonali u programmi STS ABCP u, minn perspettiva ta' politika, jista' jaffettwa is-swieq ABS tal-vetturi u tal-konsumaturi għal żmien.

---

([1]) Ara l-Emenda 28 li tintroduċi Artikolu 5(2b) ġdid.

([2]) Ara l-Emenda 18 fuq l-Artikolu 5(1)(a).

([3]) Ara, pereżempju, ir-rekwiżiti għall-kompetenza teknika stabbiliti, fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali, fl-Artikoli 8(6) u 9(6) għal oriġinaturi u fornituri u, fil-każ ta' programmi ABCP fl-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 13(7)(c) għall-bejjiegħa u sponsors.

([4]) Ara l-Emenda 61 li tintroduċi Artikolu 14a ġdid.

([5]) Fit-test ta' kompromess tal-Kunsill (2015/0226 (COD), 14537/15), l-Artikolu 8(7)(a)(i) jippermetti l-inklużjoni ta' titolizzazzjonijiet STS ta' self produttiv ristruttrat sena qabel l-inklużjoni tiegħu. Dan jikkuntrasta mal-limitu ta' tliet snin li jipprovdi l-Artikolu 8(7)(a) tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost.

([6]) L-Artikolu 12(2) tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost jippermetti lil assi b'maturità reżidwa sa tliet snin u jimponi livell ta' restrizzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħajja medja ppeżata ta' sentejn. B'kuntrast, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(2) u l-Artikolu 13(1a) tat-test ta' kompromess tal-Kunsill (2015/0226 (COD), 14537/15) jippermetti ħajja medja ppeżata ta' livell ta' programm ta' mhux iktar minn sentejn, ħajja medja ppeżata ta' livell ta' tranżazzjoni ta' mhux iktar minn tliet snin u nofs u maturità reżidwa ta' skopertura sottostanti ta' mhux itwal minn sitt snin.

5.4 Titolizzazzjonijiet STS għandhom jissodisfaw standards ogħla minn titolizzazzjonijiet mhux STS billi jibbenefikaw minn trattament ta' kapital regolatorju preferut li huwa ġġustifikat, fost l-oħrajn, fuq il-bażi ta' grad ogħla ta' trasparenza. Ir-rapporti tal-investituri jirrappreżentaw is-sors ewlieni ta' informazzjoni tal-investitur wara l-għeluq tat-tranżazzjoni. Ir-regolament tat-titolizzazzjoni propost għandu għalhekk jikkjarifika li huma obbligatorji standards ogħla għar-rappurtar tal-investituri tat-titolizzazzjonijiet STS ([1]).

5.5 It-titolizzazzjonijiet li l-ħlas lura tagħhom jiddependi fuq il-likwidazzjoni tal-kollateral m'għandhomx jikkwalifikaw taħt il-qafas STS ([2]). Il-prestazzjoni ta' dawn it-titolizzazzjonijiet tiddependi ħafna fuq assunzjonijiet dwar jekk ir-riskji tas-suq ġewx immitigati b'mod adegwat. Jistgħu jimmaterjalizzaw riskji li jmorru lil hinn mix-xenarji ta' stress antiċipat, biex b'hekk jiġu invalidati dawn l-assunzjonijiet. Huma biss it-titolizzazzjonijiet li l-ħlas lura tagħhom jiddependi strettament fuq ir-rieda u l-abbiltà tad-debituri li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li għandhom ikunu eliġibbli taħt il-qafas STS.

## 6. Attestazzjoni STS, notifika u diliġenza dovuta

6.1 Il-BĊE jilqa' l-approċċ tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost fejn huwa meħtieġ li l-partijiet li jagħmlu t-titolizzazzjoni konġuntament jagħmlu awtoattestazzjoni mal-konformità ta' titolizzazzjoni mal-kriterji STS u li investituri jwettqu d-diliġenza dovuta tagħhom stess fuq il-konformità STS. Il-mekkaniżmu fundamentali jqiegħed responsabbiltà primarja għall-konformità STS fuq il-partijiet li qed jagħmlu t-titolizzazzjoni, li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jassumuha. Jevita wkoll dipendenza fuq ċertifikazzjonijiet ta' terza persuna jew superviżorji u għalhekk jippreżerva l-inċentivi tal-partijiet kollha għat-titolizzazzjoni biex jaġixxu bi prudenza ([3]).

6.2 Il-BĊE jirrikonoxxi l-benefiċċji potenzjali li terzi persuni bl-esperjenza jistgħu joffru permezz tal-kompetenza akkumulata tagħhom meta jivverifikaw il-konformità STS, partikolarment għal oriġinaturi li qabel ma ttitolizzawx jew li jagħmlu hekk b'mod mhux frekwenti. Madankollu, partijiet terzi m'għandhomx jingħataw espressament rwol mil-liġi fil-proċess ta' attestazzjoni STS fir-regolament tat-titolizzazzjoni propost billi dan idgħajjef pilastru ewlieni tal-qafas STS ([4]). L-ewwel nett, rwol regolat bħal dan għal terzi biex tiġi ċċertifikata l-konformità STS jista' jintroduċi perikolu morali għall-investituri. L-investituri jista' jkollhom inqas inċentivi biex jużaw id-diliġenza dovuta indipendenti għat-titolizzazzjonijiet STS, billi jistgħu jekwiparaw b'mod falz din iċ-ċertifikazzjoni tat-terz ma' approvazzjoni superviżorja. Barra minn hekk, dan iżid il-kumplessità u jitfa' piż fuq ir-riżorsi pubbliċi, billi jkun hemm bżonn li dawn it-terzi jiġu ssorveljati separatament. Barra minn hekk, dan joħloq ukoll riskju sistemiku, billi l-invalidazzjoni ta' ċertifikazzjoni STS waħda jew iżjed li jagħmel dan it-terz jista' joħloq tħassib dwar l-attestazzjonijiet STS kollha li jsiru minnhom. Fl-aħħar nett, rwol regolat bħal dak ma huwiex meħtieġ biex jintlaħqu l-benefiċċji potenzjali rrikonoxxuti offruti minn dawn it-terzi, billi jistgħu sempliċiment jikkuntrattraw mal-oriġinaturi u l-isponsors biex jipprovdulhom pariri dwar il-konformità mal-kriterji STS. Minflok, il-BĊE jikkunsidra li ċ-ċertezza legali għall-partijiet li jagħmlu t-titolizzazzjoni għandha tintlaħaq primarjament billi l-kriterji STS ikunu ċari biżżejjed ([5]).

6.3 Il-proċess ta' notifika STS għandu jiżgura ċarezza ikbar għall-investituri billi jiġi ddokumentat espliċitament, fis-sommarju tal-prospett jew memorandum ta' informazzjoni ekwivalenti, jekk, u jekk dan huwa l-każ, kif il-kriterji STS ġew ssodisfati. Dan jappoġġa l-proċessi tad-diliġenza dovuta indipendenti tal-investituri ([6]).

## 7. Kooperazzjoni effettiva fost awtoritajiet superviżorji

L-applikazzjoni u l-interpretazzjoni konsistenti tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost mid-diversi superviżuri, partikolarment fil-kuntest tat-titolizzazzjonijiet STS, huma fundamentali għall-integrità tal-qafas, l-adozzjoni tiegħu mill-parteċipanti fis-suq u, għaldaqstant, l-effettività tiegħu inġenerali. Għaldaqstant, il-BĊE jirrakkomanda titjib għall-proċeduri ta' kooperazzjoni kif previst fl-Artikolu 21 bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-EBA, ESMA u EIOPA biex jiġi riżolt b'mod iktar effiċjenti t-tilwim bejn żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar, speċjalment fil-każijiet meta wieħed jew iktar minnhom jiddeċiedu li titolizzazzjoni għandha titlef l-istatus STS tagħha. Għal raġunijiet ta' trasparenza u konsistenza, ESMA għandha żżomm reġistru ċentralizzat tal-azzjonijiet rimedjali kollha meħudin fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet regolati skont ir-regolament tat-titolizzazzjoni propost.

---

([1]) Ara l-Emenda 42 li tintroduċi Artikolu 10(5) ġdid.

([2]) Taħt l-Artikolu 8(9) it-titolizzazzjonijiet li jiddependu sa ċertu punt fuq il-bejgħ kollaterali biex jiġi żgurat il-ħlas lura, bħall-valur reżidwu ta' ABS ta' kiri ta' vetturi u ċerti titoli garantiti b'ipoteki kummerċjali, jistgħu potenzjalment jikkwalifikaw.

([3]) Ara r-*Risposta konġunta mill-Bank of England u l-Bank Ċentrali Ewropew għad-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. "Qafas tal-UE għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata", 27 ta' Marzu 2015.*

([4]) Ara l-Artikoli 14(1) u 14(a) tat-test ta' kompromess tal-Kunsill, li jippermetti attestazzjoni ta' terzi flimkien mal-awtoattestazzjoni mill-partijiet li jagħmlu t-titolizzazzjoni (2015/0226 (COD), 14537/15).

([5]) Ara r-rakkomandazzjoni tal-BĊE fil-paragrafu 5.1.

([6]) Ara l-Emenda 56 li tintroduċi Artikolu 13(9) ġdid.

8. **Reġimi ta' sanzjonijiet**

Qafas robust għas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni jeħtieġ reġim kredibbli u dissważiv għall-issanzjonar tal-ksur tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost. Madankollu, hemm diversi aspetti tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost li jimponu obbligi ġodda fuq il-parteċipanti fis-suq u jeħtieġu definizzjoni, gwida u interpretazzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u parteċipant tas-suq. Minħabba dawn l-inċertezzi, huwa diffiċli li tiġi rrikonċiljata l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali iebsin fuq bażi ta' responsabbiltà oġġettiva mal-prinċipju stabbilit sew taċ-ċertezza legali f'materja kriminali, jew bil-għan globali li l-parteċipanti tas-suq jiġu mheġġa li jużaw u japplikaw ir-regolament tat-titolizzazzjoni propost. Dawn l-inċertezzi u sanzjonijiet fil-fatt jistgħu jtellfu lill-parteċipanti fis-suq milli jużaw l-qafas tat-titolizzazzjoni propost. Għalhekk, il-BĊE jirrakkomanda bil-qawwa tnaqqis fit-tipi ta' sanzjonijiet amministrattivi disponibbli billi tiġi limitata l-portata tal-multi, it-tneħħija tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali għall-ksur tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost fl-Artikolu 19, u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet biss fil-każ ta' negliġenza, inklużi omissjonijiet negliġenti, iktar milli fuq bażi ta' responsabbiltà oġġettiva. Dan itaffi tħassib dwar in-natura sproporzjonata tal-penalitajiet. It-tneħħija proposta tal-Artikolu 19 tipprekludi biss it-twaqqif ta' reġim ġdid ta' responsabbiltà kriminali speċifikament għall-ksur tar-regolament tat-titolizzazzjoni propost. Madankollu, dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet eżistenti iktar ġenerali tad-dritt kriminali nazzjonali li għalihom huma suġġetti diġà l-attivitajiet tal-partijiet li jagħmlu t-titolizzazzjoni. Dawn jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu responsabbiltà kriminali għal attivitajiet frodulenti, negliġenti ħafna jew diżonesti oħra minn istituzzjonijiet finanzjarji, l-impjegati jew diretturi tagħhom skont id-dritt nazzjonali, li naturalment jibqgħu applikabbli.

9. **Tiġi żgurata superviżjoni robusta tat-titolizzazzjoni STS ta' tielet pajjiż**

Il-qafas STS għandu jkun sinonimu ma' organizzazzjoni tal-assi u strutturar tat-titolizzazzjoni prudenti. Dan, imbagħad, jiddependi fuq superviżjoni effettiva sabiex jiġi żgurat li l-istandards STS ma jitilfux l-effettività tagħhom matul iż-żmien. Il-kriżi finanzjarja wriet li oqfsa finanzjarji li jiddependu biss fuq l-awtoattestazzjoni tal-partijiet li jagħmlu t-titolizzazzjoni, mingħajr superviżjoni kontinwa u rigoruża, huma vulnerabbli għall-abbuż. Ir-regolament tat-titolizzazzjoni propost bħalissa jippermetti assi sottostanti ta' titolizzazzjonijiet STS li jiġu oriġinati barra mill-Unjoni fejn l-oriġinatur, l-isponsor u/jew l-SSPE jkunu jinsabu barra l-Unjoni. Madankollu, bħalissa ma hemmx rekwiżit dwar is-superviżjoni f'pajjiżi terzi ta' titolizzazzjonijiet STS ([1]). Il-BĊE jappoġġa qafas ta' titolizzazzjoni STS li huwa miftuħ għall-aċċettazzjoni ta' titolizzazzjonijiet STS maħruġin f'pajjiżi terzi iżda tali aċċettazzjoni għandha tkun ikkumplimentata bi ħtieġa li l-oriġinatur, l-isponsor u SSPE tat-tielet pajjiż li jieħdu sehem f'din it-titolizzazzjoni jkunu suġġetti għal qafas superviżorju robust fir-rigward ta' attivitajiet tat-titolizzazzjonijiet STS tagħhom, li l-Kummissjoni Ewropea vvaluat bħala ekwivalenti għall-qafas tal-Unjoni ([2]).

PARTI II: EMENDA CRR PROPOSTA

10. **Trattament kapitali għal titolizzazzjonijiet STS**

10.1 Il-BĊE jappoġġja bis-sħiħ l-inkorporazzjoni ta' kriterji STS fil-qafas kapitali regolatorju bankarju permezz tal-emenda CRR proposta, bħala titjib għar-reviżjonijiet ta' Diċembru 2014 għall-qafas tat-titolizzazzjoni ta' Basel. Il-kriterji STS jillimitaw iż-żewġ sorsi ewlenin ta' riskju fit-titolizzazzjonijiet STS: riskju strutturali u riskju tal-kreditu tal-assi. Għalhekk, il-profil ta' riskju iktar baxx ta' titolizzazzjonijiet STS għandu jfisser allokazzjoni ta' kapital relattivament iktar baxxa.

10.2 Kemm il-kalibrazzjoni tal-allokazzjonijiet ta' kapital u l-ġerarkija tal-approċċi għall-kalkolu tal-allokazzjonijiet kapitali għat-titolizzazzjonijiet STS huma rilevanti għall-effettività tal-qafas il-ġdid sabiex jistab il-bilanċ ġust bejn il-qawmien tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni u l-preżervazzjoni tan-natura prudenzjali tal-qafas tat-titolizzazzjoni. Il-BĊE jikkunsidra li l-kalibrazzjoni, li tnaqqas l-allokazzjonijiet kapitali għal titolizzazzjonijiet STS, fl-Artikoli 260, 262 u 264 hija xierqa meta wieħed jikkunsidra l-profil ta' riskju iktar baxx tagħhom.

10.3 Fir-rigward tal-ġerarkiji ta' approċċi, il-BĊE jikkunsidra t-tibdil li hemm fl-Artikolu 245(3) li huwa l-ewwel pass pożittiv lejn trattament iktar ugwali tat-titolizzazzjonijiet STS maħruġin f'ġurisdizzjonijiet tal-Unjoni differenti. Kif abbozzat, jippermetti effettivament istituzzjoni ta' kreditu li tillimita allokazzjonijiet ta' kapital taħt l-Approċċ tat-Titolizzazzjoni Bbażata fuq Klassifikazzjonijiet Esterni (SEC-ERBA) fil-livell applikabbli taħt l-Approċċ Standardizzat tat-Titolizzazzjoni (SEC-SA), bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet ([3]). Il-proposta tfisser li jkun hemm kundizzjonijiet iktar ġusti għat-titolizzazzjonijiet maħruġa fil-ġurisdizzjonijiet tal-Unjoni bla ħsara għall-applikazzjoni

([1]) Ara wkoll il-memorandu spjegattiv għar-regolament tat-titolizzazzjoni propost "Dimensjoni tal-pajjiż terz".
([2]) Ara l-Emendi 30 u 75 li jintroduċu l-Artikoli 6(2) u 22a ġodda.
([3]) L-Artikolu 254, kif propost, jippermetti lill-banek li jużaw, bla ħsara għal approvazzjoni superviżorja ex-post, SEC-SA minflok SEC-ERBA meta l-applikazzjoni tar-riżultati SEC-ERBA tirriżulta fl-allokazzjonijiet ta' kapital għolja wisq li mhumiex proporzjonati mar-riskju ta' kreditu tal-assi sottostanti.

ta' limiti massimi ta' klassifikazzjoni sovrana u metodoloġiji oħra ta' klassifikazzjoni restrittiva li jirriżultaw f'allokazzjonijiet kapitali taħt is-SEC-ERBA li huma ogħla b'mod sinjifikanti milli taħt is-SEC-SA, minkejja l-fatt li l-użu tas-SEC-SA ordinarjament għandu jirriżulta fl-ogħla allokazzjonijiet ta' kapital. Madankollu, il-proposta tintroduċi opportunitajiet ta' arbitraġġ jekk il-banek japplikaw b'mod selettiv il-limitu massimu SEC-SA għal uħud imma mhux it-titolizzazzjonijiet eliġibbli kollha. Fl-istess ħin, trattament ugwali ma jkunx effettiv jekk il-limitu massimu huwa permess f'ċerti ġurisdizzjonijiet filwaqt li ma jkunx permess f'oħrajn bis-saħħa tad-diskrezzjoni superviżorja nazzjonali biex tingħata jew tinżamm l-approvazzjoni.

10.4 Il-BĊE jirrakkomanda li ma jiġix permess l-użu ta' SEC-ERBA [1] għat-titolizzazzjonijiet STS biss. Dan jipprovdi ugwaljanza fit-trattament fit-titolizzazzjonijiet STS tal-Unjoni kollha u bejn titolizzazzjonijiet STS tal-Unjoni u titolizzazzjonijiet mhux tal-Unjoni maħruġin f'ġurisdizzjonijiet fejn l-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni u, għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' SEC-ERBA mhumiex permessi. Fl-istess ħin, in-natura prudenzjali tal-qafas tat-titolizzazzjoni STS huwa ppreżervat, billi titolizzazzjonijiet STS għandhom riskju strutturali u tal-kwalità tal-assi iktar baxx u, għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' SEC-SA bbażat fuq il-formula, minflok SEC-ERBA, tista' tkun ġġustifikata. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni tal-ġerarkija STS telimina l-potenzjal għall-arbitraġġ [2]. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu d-diskrezzjoni tagħhom li jimponu allokazzjonijiet ta' kapital ogħla minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni SEC-SA għal titolizzazzjonijiet STS (bħal titolizzazzjonijiet li mhumiex STS), fejn iġġustifikat fuq bażi ta' każ b'każ, eż. minħabba kumplessitajiet strutturali reżidwi jew elementi ta' riskju rilevanti mhux koperti biżżejjed fil-każijiet kollha skont l-approċċ standardizzat [3]. B'mod importanti, ir-rakkomandazzjoni tal-BĊE biex ma titħallhiex l-applikazzjoni ta' SEC-ERBA hija, madankollu, kontinġenti fuq iż-żamma ta' standards għoljin għall-kwalità ta' assi u awtoattestazzjoni [4].

## 11. Trattament kapitali għal titolizzazzjonijiet sintetiċi li jikkwalifikaw

11.1 L-emenda CRR proposta tintroduċi trattament kapitali ddifferenzjat għal segmenti superjuri ta' titolizzazzjonjiet sintetiċi li jissodisfaw ċerti kriterji [5]. It-titolizzazzjonijiet sintetiċi jistgħu jappoġġaw l-għanijiet globali tar-regolamenti proposti, inkluż li jiġi pprovdut finanzjament għall-ekonomija reali. Madankollu, minn perspettiva prudenzjali, l-argumenti għat-tnaqqis ta' allokazzjonijiet ta' kapital għal ċerti titolizzazzjonijiet sintetiċi mhumiex daqstant b'saħħithom daqs it-titolizzazzjonijiet STS tradizzjonali. B'mod partikolari bħalissa hemm dejta limitata disponibbli kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prestazzjoni ta' titolizzazzjonijiiet sintetiċi minħabba n-natura privata tagħhom. Għalhekk il-BĊE jirrikonoxxi l-approċċ kawt li ħadet il-Kummissjoni, fejn it-trattament preferenzjali huwa limitat strettament għal subsett ta' strutturi ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi.

11.2 Barra minn hekk, il-prudenza tal-qafas għall-kwalifikazzjoni ta' strutturi sintetiċi għandhom jissaħħew iktar bl-iżvilupp ta' kriterji adattati speċifikament għat-titolizzazzjonijiet sintetiċi. L-applikazzjoni proposta tar-rekwiżiti għal-titolizzazzjonijiet STS tradizzjonali għat-titolizzazzjonijiet sintetiċi bis-saħħa tal-Artikolu 270(a) fl-emenda CRR proposta mhijiex xierqa f'dan ir-rigward, minħabba l-karatterisitiċi strutturali differenti ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi. Fl-istess ħin, l-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi għal tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni sintetika m'għandhiex tespandi l-portata ristretta proposta mill-Artikolu 270 [6].

## 12. Tisħiħ tal-valutazzjoni SRT

Il-BĊE iqis li l-emenda CRR proposta għandha tintuża bħala opportunità kemm biex tikkjarifika kif ukoll issaħħaħ id-dispożizzjonijiet CRR kurrenti fir-rigward tat-trasferiment ta' riskju sinifikanti u appoġġ impliċitu. L-ewwel nett, il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent SRT [7] fl-Artikolu 244 u 245 għandhom ikunu marbutin mal-kundizzjonijiet

(1) Ara l-Emenda 103 li tintroduċi Artikolu 254a ġdid.

(2) L-Artikolu 254 tal-emenda CRR proposta u tat-test ta' kompromess tal-Kunsill (2015/0225 (COD), 14536/15) jippermetti lil banek, sakemm ma jkunux ristretti minn superviżuri, li jużaw selettivament SEC-SA, jiġifieri banek li jagħżlu li jagħmlu limitu massimu tal-piżijiet ta' riskju li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' SEC-ERBA għal dawk l-iskoperturi biss meta l-applikazzjoni SEC-SA hija ta' iktar vantaġġ milli SEC-ERBA. L-arbitraġġ ġerarkiku ma jkunx permess taħt il-proposta tal-BĊE billi SEC-SA tkun teħtieġ li tintuża fil-ħinijiet kollha u intervent superviżorju, jekk ikun hemm bżonn, jista' jżid biss l-allokazzjonijiet kapitali applikati.

(3) Ara l-Emenda 105 li tintroduċi Artikolu 258a ġdid.

(4) Ara l-paragrafi 5.2 dwar il-kwalità tal-assi u 6.2 dwar il-proċess ta' attestazzjoni.

(5) Ara l-Artikolu 270.

(6) Ir-Rapport ABE dwar it-Titolizzazzjoni Sintetika tat-18 ta' Diċembru 2015 jirrakkomanda, fost l-oħrajn, l-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi għat-titolizzazzjonijiet sintetiċi u l-espansjoni tal-portata tal-Artikolu 270 biex investituri privati jitħallew jaġixxu bħala fornituri ta' protezzjoni tal-kreditu eliġibbli.

(7) Ara l-Emendi 93 u 96 fuq l-Artikoli 244(4)(f) u 245(4)(e).

għall-appoġġ impliċitu fl-Artikolu 250, billi jindirizzaw l-istess kwisjtonijiet. Barra minn hekk, it-testijiet ta' trasferiment tar-riskju sinifikanti li jipprevedu l-Artikoli 244(2) u 245(2) għandhom jiġu mistħarrġa mill-ABE ([1]) billi huma insuffiċjenti u jiftħu arbitraġġ regolatorju f'ċerti każijiet.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolamenti proposti jiġu emendati, qed jiġu stipulati proposti speċifiċi tal-abbozzar f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test spjegattiv għal dan il-għan. Dan id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fis-sit elettroniku tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu 2016.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Ara l-Emendi 94 u 97 fuq l-Artikoli 244(6) u 245(6).